**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 18 ta` Marzu 2021**

**Kawza Nru. 13**
**Rikors Nru. 1/2021 JZM**

**L-Avukat Joe Borg Bartolo [K.I. Numru 171567(M)] bhala mandatarju specjali ta` Adrian Zammit [K.I. Numru 312566(M)] in forza tal-annessa prokura**

***kontra***

**Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors li jaqra hekk :–

*Illi in forza tal-Artikolu 325 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, l-intimat Registratur tal-Kumpaniji hassar l-isem tal-kumpanija Fern Company Limited (C19559) ta` 55 St Publius Street, Rabat, Malta minn fuq ir-Registru tal-Kumpaniji, u dan hekk kif muri mid-downloads mill-website tal-Malta Business Registry u mill-estratt tat-Times of Malta tas-27 ta` Marzu 2020, hawn annessi u mmarkati Dok `AZ1`, `AZ1A` u `AZ1B`;*

*Illi r-rikorrenti huwa l-azzjonist maggoritarju u l-uniku direttur tal-kumpanija Fern Company Limited (iktar `il quddiem imsejjah Fern) (hekk kif jirrizulta mill-Memorandum and Articles of Association tal-Fern hawn anness u mmarkat Dok `AZ2`) ;*

*Illi Fern hija azzjonista hija stess fil-kumpanija Dr Adrian`s Garden Centre Company Limited C24329 ta` 167, Merchants Street, Valletta (DAGC) fl-ammont ta` terz mill-kapital attiv ta` DAGC (hekk kif jirrizulta mid-download mill-website tal-Malta Business Registry hawn anness u mmarkat Dok `AZ3`) ;*

*Illi DAGC hija proprjetarja ta` porzjoni ta` art u strutturi permanenti fuq l-istess art gewwa in-Nigret, limiti tar-Rabat, u cjoe sitt porzjonijiet ta` art tal-kejl superficjali fl-intier taghhom ta` circa tmint elef, mitejn u tnejn u tmenin metri kwadri  (8282 m2) (hekk kif jirrizulta mill-kuntratti tal-akkwist tal-istess art fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja tas-26 ta` April 1999 u dana kif gie sussegwentement korrett b`att iehor tal-istess Nutar Mario Bugeja fis-7 ta` Awwissu 2003 (it-tnejn hawn annessi u mmarkati Dok `AZ4` u `AZ5`);*

*Illi fuq l-istess art, kienet infethet garden centre maghrufa bhala Dr Adrian`s Garden Centre u dina kienet gestita minn DAGC sa ftit qabel ma` ir-rikorrenti telaq minn Malta, hekk kif ser jigi spjegat hawn isfel;*

*Illi din l-istess proprjeta` immobili gewwa in-Nigret, limiti tar-Rabat, ghandha valur fuq is-suq sostanzjali u stmata mir-rikorrenti li tlahhaq €2,500,000 (zewg miljuni u nofs ewro), b`sehem tal-Fern ekwivalenti ghal terz minn dak il-valur;*

*Illi r-rikorrenti kien jirresjedi gewwa Malta fl-istess indirizz tal-Fern meta umbghad telaq minn Malta fl-Lulju tal-2009 u beda jghix b`mod permanenti gewwa l-Awstralja;*

*Illi ghadu qed jghix gewwa l-Awstralja sallum stess;*

*Illi bejn id-distanza kbira bejn Malta u l-Awstralja u kif ukoll l-perjodu waqt illi r-rikorrenti kien nieqes minn Malta, li kien zmien ikkkarraterrizzat minn hafna xoghol u impenji kbar ghar-rikorrenti gewwa l-Awstralja, dana naqqas (kif ser jigi spjegat aktar `l isfel) milli jipprepara u ta` kull sena jiddepozita l-accounts tal-Fern mar-Registratur tal-Kumpaniji ai termini tar-rekwiziti tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*Illi konsapevoli ta` dan, ir-rikorrenti qabbad lill-awditur tieghu, Kenneth Dimech ID Numru 359363(M) ta` `Kosco`, G Cali Street, Ta` Xbiex sabiex jehodlu hsieb li l-Fern tigi lura fi stat ta adempjenza totali mar-rekwiziti kollha statutorji taht il Kap. 386;*

*Illi l-istess Kenneth Dimech beda l-inkarigu tieghu sabiex il Fern tittregga` lura kif diga fuq spjegat ghal habta tat-tieni parti tas-sena 2019;*

*Illi dan il-process kien jinvolvi numru konsiderevoli ta` stadji, hekk kif ser jigi spjegat hawn isfel;*

*Illi fost l-ewwel mizuri illi kien ha l-awditur Kenneth Dimech kien illi qaleb l-indirizz tal-Fern illi sa dak iz-zmien kien ghadu jidher li kien l-indirizz l-antik tar-residenza tar-rikorrenti gewwa ir-Rabat, Malta, indirizz li r-rikorrenti kien ghad ma kellu l-ebda konnessjoni mieghu u allura lanqas ma seta` qatt jircievi posta indirizzata lilu hemmhekk (Kopji tal-covering letter bid-data tat-28 ta` Ottubru 2019 tal-awditur lil Malta Business Registry u tal-Form Q bl-istess data huma hawn annessi u mmarkati Dok `AZ6` u `AZ7`);*

*Illi din it-talba tal-Fern ma gietx milqugha ghar-ragunijiet kontenuti f`ittra datata 20 ta` Jannar 2020 li intbghatet lura lill-awditur, kopja taghha qeghda ukoll tigi annessa u mmarkata bhala Dok `AZ8`;*

*Illi allura b`din id-decizjoni tal-Malta Business Registry, hekk kif kontenuta fl-istess ittra hawn fuq imsemmija, irrizulta illi bl-insistenza tal-Malta Business Registry illi titkompla l-uzu ta` indirizz postali antik tal-Fern gara, wisq probabli dak li ma kien mixtieq minn hadd, u cjoe`, illi l-ebda notifika postali ma qatt setghet titwassal effettivament lill-istess kumpanija;*

*Illi l-istess informazzjoni dwar it-tibdil tal-indirizz intbaghtet mill-awditur lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u f`dan il-kaz l-istess bdil tal-indirizz gie accettat u ghal dan l-iskop inhareg certifikat iddatat 14 ta` Jannar 2020, li kopja tieghu qeghda tigi annessa u mmarkata Dok `AZ9`;*

*Illi r-rikorrenti flimkien mal-awditur fuq imsemmi hejjew ukoll il-Financial Statements kollha li kienu neqsin u li kienu necessarji sabiex il-Fern tigi kunsidrata fi stat ta` good standing mal-Malta Business Registry u del resto sabiex il-Fern tottempora ruhha kemm mar-rekwiziti tal-Kap 386 u kif ukoll mal-ittra tal-20 ta` Jannar 2020 (kopja tal-Financial Statements ghas-snin ta` bejn l-1 ta` Jannar 2010 u l-31 ta` Dicembru 2018 hija hawn annessa u mmarkata Dok `AZ10`);*

*Illi l-istess informazzjoni dwar it-tibdil tal-indirizz (din id-darba minn indirizz gewwa s-Swieqi) intbaghtet mill-awditur lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, (kopja tat-talba qeghda tigi annessa u mmarkata Dok `AZ11`;*

*Illi mhux biss, izda fl-istess zmien, ir-rikorrenti tramite l-awditur tieghu inizja diskors mal-istess Dipartiment tat-Taxxi Interni sabiex il-Financial Statements tal-Fern hawn fuq imsemmija jigu depozitati mal-istess Dipartiment u isiru il-konteggi necessarji sabiex tigi ikkalkolata t-taxxa dovuta mill-Fern tul il-perjodu fejn hija kienet naqqset li taghti r-rendikont finanzjarju fil-hin, u illi dan il-process wassal sabiex fit-22 ta` Ottubru 2020 (kwazi erba xhur wara li kienet diga` giet struck off il-Fern, ad insaputa tar-rikorrenti) jigi konkjuz ftehim mal-istess dipartiment fis-sens illi kien hemm taxxa dovuta ta` ewro tnejn u disghin elf u tliet mija u wiehed u disghin (€92,391), kopja tal-istess ftehim qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok `AZ12`;*

*Illi, di piu`, addirritura fl-1 ta` Dicembru 2020 (`il fuq minn hames xhur wara li l-Fern kienet diga` giet struck off – mill-gdid, ovvjament ad insaputa tar-rikorrenti fiz-zmien de quo), l-istess rikorrenti hallas l-ammont dovut mill-Fern lill-awtorita` tat-taxxa fl-ammont ta` ewro tnejn u disghin elf u tlett mija u wiehed u disghin (€92,391), hekk kif muri fl-ircevuta hawn annessa u mmarkata Dok `AZ13`;*

*Illi r-rikorrenti stante li qieghed juri ai termini tal-artikolu 325 (4) tal-Kap 386 illi minn dejjem xtaq (kif muri mill-imgieba tieghu minn tal-inqas tul l-ahhar tas-sena 2019 u s-sena 2020, kif fuq provdut) illi l-Fern tibqa` registrata bhala kumpanija illi topera essenzjalment bhala `holding company` tal-ishma illi ghandha gewwa id-DAGC u allura qed ihossu aggravat bil-fatt li l-isem ta` Fern thassar minn fuq ir-Registru u illi ghandu interess sabiex il-kumpannija terga` tidhol fir-Registru, kif hawn fuq spjegat, jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti tghogobha tordna li l-isem ta` Fern jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpaniji, u illi l-kumpanija Fern ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar; u dan taht dawk l-ordnijiet jew direzzjonijiet u provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija titqieghed fl-istess pozizzjoni kemm jista` jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx thassar, u jitlob ukoll li r-Registratur ghandu jigi ordnat minnufih jghaddi biex jippubblika avviz f`dan is-sens fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta u l-isem tal-kumpanija jerga` jidhol fir-Registru.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors.

Rat ir-risposta tal-intimat li tghid :-

*Illi l-kumpanija Fern Company Limited (C 19559) kienet giet registrata fuq ir-Registru tal-Kumpaniji ("Registru") fit-28 ta` Dicembru tas-sena 1995;*

*Illi fiz-zmien li damet fuq ir-Registru, il-kumpanija naqset mill-obbligi taghha illi tibghat informazzjoni dwar kontijiet u prospetti annwali lir-Registratur ghar-registrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk, illi l-ahhar kont annwali registrat mar-*

*Registratur tal-Kumpaniji kien dak tas-sena 2009 u l-ahhar prospett annwali kien dak tas-sena 2010;*

*Illi tali nuqqas kien raguni bizzejjed sabiex l-esponent Registratur jissoponi illi l-kumpanija in kwistjoni ma kinetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Registratur proceda sabiex kiteb lill-kumpanija u lill-ufficjal taghha sabiex javza illi l-isem tal-kumpanija kien ser jigi mhassar minn fuq ir-Registru kemm-il darba ma tintweriex raguni sabiex dan ma jsehhx;*

*Illi r-Registratur baghat l-ewwel avviz permezz ta` ittra lill-kumpanija (annessi u mmarkati bhala Dok. `A`, l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha mahruga mir-Registratur) fuq l-indirizz registrat 55, St. Publius Street, Rabat, Malta, kif ukoll lid-direttur, fl-istess indirizz, 55, St. Publius Street, Rabat, Malta, datati 18 ta` Frar 2020;*

*Illi t-tieni avviz gie mibghut permezz ta` ittra ohra kemm lill-kumpanija kif ukoll lid-direttur fuq l-istess indirizz fis-27 ta` Marzu 2020;*

*Illi f`dawn l-ittri l-kumpanija u d-direttur gew infurmati illi ladarba l-kumpanija kienet ilha snin tonqos mill-obbligi taghha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji, f`kaz li ma twegibx l-ewwel ittra fi zmien xahar, u t-tieni ittra fi zmien tliet xhur, ir-Registratur kien se jkompli bil-process ta` thassir tal-isem tal-kumpanija.*

*Illi fis-27 ta` Marzu 2020, inharget pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wiehed fost ohrajn illi kien ser jigi mnehhi minn fuq ir-Registru tal- Kumpaniji fi zmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oggezzjoni ghal dan;*

*Illi fil-frattemp, ir-Registratur ma rcieva l-ebda dokument pendenti jew risposta, izda rcieva biss ittra datata t-28 ta` Ottubru 2019 kif ukoll Form Q sabiex jinbidel l-indirizz tal-kumpanija, izda din ma setghetx tigi registrata minhabba l-ammont ta` pendenzi li kellha*

*l-kumpanija. Ghaldaqstant, fit-30 ta` Gunju 2020, li jahbat ftit aktar mit-tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent hareg avviz fuq website mizmuma minnu fejn gie avzat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien gie mhassar minn fuq ir-Registru;*

*Illi r-rikorrent qed jghid illi huwa nkariga awditur sabiex jibda l-process sabiex il-kumpanija terga` tigi in regola, hekk kif mitlub mil-ligi tal-kumpaniji. Izda, wiehed ghandu jinnota illi l-kumpanija kienet ilha inadempjenti mis-sena 2010 fejn jirrigwarda kontijiet annwali u mill-2011 fejn jirrigwarda l-prospetti annwali u sa llum, l-ebda kontijiet annwali jew prospett annwali ma gew sottomessi mar-Registratur. Ghaldaqstant, huwa fatt, illi r-rikorrent kien ilu jonqos mill-obbligi tieghu fil-konfront tar-Registratur ghall-disa` snin shah.*

*Illi fil-fehma tar-Registratur, ir-rikorrent kellu l-obbligu illi qabel ihalli xtutna fl-2009, jinforma lir-Registratur bl-indirizz il-gdid u b`hekk kien jaccerta ruhu illi kull tip ta` korrispondenza mibghuta lilu mir-Registratur kienet fil-fatt se tasal ghandu fl-indirizz il-korrett.*

*Illi di piu`, il-kumpanija Fern Company Limited hija azzjonista ta` terz mill-kapital attiv tal-kumpanija Dr Adrian`s Garden Centre Company Limited (C 24329), li wkoll kienet fi stat ta` inadempjenza fir-rigward tal-obbligi taghha naxxenti mill-Att dwar il-Kumpaniji u kienet se tigi mhassra wkoll minn fuq ir-Registru minhabba pendenzi ta` dokumenti li ghandhom ikunu sottomessi lir-Registratur skont il-ligi. Dr Adrian`s Garden Centre Company Limited issottomettiet il-prospetti annwali kollha u ghaldaqstant ir-Registratur waqqaf it-thassir ta` tali kumpanija. Tajjeb wiehed jinnota izda, illi din il-kumpanija xorta naqset milli tissottometti l-kontjiet annwali u thallas il-penali. Din il-kumpanija ghandha wkoll ammont ta` penali li ghadhom pendenti u ilha minghajr segretarju appuntat mill-15 ta` Dicembru 2020. Ghaldaqstant, huwa evidenti illi din il-kawza qed issir ghas-semplici raguni li l-assi f`isem il-kumpanija jistghu jintilfu u jigu trasferiti f`isem il-Gvern ta` Malta.*

*Illi filwaqt illi r-Registratur jixtieq illi jekk il-kumpanija terga` titpogga fuq ir-Registru tali kumpanija ghandha taggorna d-dokumentazzjoni mehtiega (inkluz il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan sabiex jigi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni.*

*Ir-Registratur qieghed umilment jissolleva illi qieghed ihalli f`idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jigu maghrufin il-passi illi ghandhom jittiehdu min-naha tieghu sabiex il-pozizzjoni tal-kumpanija in kwistjon tigi rattifikata.*

*Illi r-Registratur jixtieq ukoll illi l-penali fuq nuqqas ta` registrazzjoni ta` prospetti annwali u l-kontijiet annwali li jammontaw ghal EUR 8,340 jigu mhallsa wkoll.*

*Illi di piu`, l-ammont dovut fuq nuqqas ta` registrazzjoni ta` prospetti annwali li ghadhom dovuti lir-Registratur jammonta ghal EUR 900.*

*Illi ghaldaqstant huwa lest li joqghod ghal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi partikulari ta` dan il-kaz.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-risposta.

Rat il-verbali tal-udjenzi tal-kawza.

Rat illi fil-mori tal-kawza kienu regolarizzati l-pendenzi kollha li kellha l-kumpannija mal-intimat fid-data li dan ta bidu ghall-procedura tat-thassir tal-isem mir-registru.

Rat illi thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>L-Art 325 tal-Kap 386</u>

L-azzjoni odjerna kienet intavolata abbazi tal-Art 325 tal-Kap 386.

Id-disposizzjoni hija komposta minn seba` (7) subartikoli. Ir-Registratur ipproceda biex hassar mir-registru l-isem tal-kumpannija Fern Company Limited (C19559) abbazi tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) subartikoli.

Il-kondotta tar-Registratur intimat tirrizulta spjegata bl-aktar mod car fir-risposta tieghu.

Ir-rikorrent qieghed jitlob li l-isem tal-kumpannija de qua jerga` jitqieghed fir-registru ghar-ragunijiet ta` fatt li kienu mfissra fil-kawzali tar-rikors promotur.

Billi huwa *membru* tal-kumpannija, ir-rikorrent qieghed joqghod fuq is-subartikolu (4) sabiex isostni legalment ir-ragunijiet tieghu.

Huwa ben evidenti illi s-subartikoli (3), (5), (6) u (7) ma jghoddux ghall-kaz tal-lum.

Unikament ghall-fini ta` kompletezza, il-qorti sejra xorta wahda ticcita l-artikolu shih biex imbaghad tghaddi ghall-osservazzjonijiet taghha.

L-artikolu jaqra hekk –

*(1) Meta r-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb li kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, dan jista` jibghat lill-kumpannija ittra bil-posta fejn jistaqsi jekk il-kumpannija tkunx qed tmexxi negozju jew tkunx qed topera.*

*(2) Jekk ir-Registratur jircievi twegiba fis-sens li l-kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, jew jekk ma jircevix twegiba fi zmien xahar minn meta jkun baghat l-ittra, dan jista` jibghat lill-kumpannija bil-posta u jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog*

*kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f `Malta li, f`eghluq tliet xhur mid-data tal-ahhar pubblikazzjoni tal-imsemmi avviz, l-isem tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju jew jekk ir-Registratur ikun sodisfatt li hemm ragunijiet bizzejjed biex ma jipprocedix bit-thassir, jithassar minn fuq ir-registru, u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f`idejn il-Gvern ta` Malta.*

*(3) Jekk, f`xi kaz fejn kumpannija tkun qed tigi stralcjata volontarjament, ir-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb jew li ebda stralcjarju ma jkun qed jagixxi jew li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu stralcjati ghal kollox, u li l-prospetti li huma mehtiega li jsiru mill-istralcjarju skond l-artikolu 322 ikunu tard b`sitt xhur jew iktar, ir-Registratur jista` jippubblika fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta, avviz li f`eghluq tliet xhur mill-ahhar pubblikazzjoni tal-imsemmi avviz, l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintweriex raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u konsegwentament li l-isem tal-kumpannija jithassar minn fuq ir-registru. Ir-Registratur ghandu jiehu hsieb jibghat bil-posta kopja tal-imsemmi avviz lill-kumpannija u lill-istralcjarju, jekk ikun hemm. Malli jaghlaq l-imsemmi zmien ta` tliet xhur l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u r-Registratur ghandu jhassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-registru u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f`idejn il-Gvern ta` Malta.*

*(4) Jekk membru jew kreditur tal-kumpannija, jew xi persuna ohra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-Registru bis-sahha ta` dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors maghmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-ohra, qabel ma jghaddu hames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviz tat-thassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista`, jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru, tordna li dak l-isem jerga` jidhol fir-registru, u mal-konsenja ta` kopja ufficjali tal-ordni mir-Registratur tal-Qrati lir-Registratur ghar-registrazzjoni, il-kumpannija ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar; u l-Qorti tista` bl-ordni taghha taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista` jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar. Ir-Registratur ghandu minnufih ighaddi biex jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta u l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.*

*(5) Avviz mibghut taht dan l-artikolu jista` jigi indirizzat lill-istralcjarju fil-post tan-negozju jew fl-indirizz tieghu l-ahhar maghruf, u ittra jew avviz li ghandu jintbaghat lil kumpannija ghandu jigi indirizzat lill-kumpannija fl-ufficcju registrat taghha.*

*(6) Minkejja li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru skond id-disposizzjonijiet ta` qabel dan l-artikolu, ir-responsabbilità, jekk il-kaz, ta` kull direttur jew ufficjal iehor tal-kumpannija u ta` kull membru tal-kumpannija ghandha tkompli u tista` tigi infurzata daqslikieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar mir-registru.*

*(7) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 429(1), id-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu japplikaw ghal kumpannija li x-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali taghha jkunu regolati bl-Ordinanza.*

## III. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Tghid illi kien unikament minhabba l-fatt illi l-kumpannija naqset milli tottempera ruhha mal-obbligi taghha skont il-ligi skont kif indikat fir-risposta li wassal lir-Registratur sabiex jaghti bidu ghall-procedura tat-thassir tal-isem tal-kumpannija mir-registru tal-kumpanniji skont is-subartikolu (1) tal-Art 325.

Tiddikjara ruhha sodisfatta li r-Registratur segwa l-procedura kollha prevista mis-subartikolu (2) tal-Art 325.

**Il-qorti tirrileva li r-rikorrent ghamel il-prova ghas-sodisfazzjon taghha li l-isem tal-kumpannija m`ghandux jibqa` mhassar u li ghandu jerga` lura fuq ir-registru.**

Il-qorti qieset illi fil-kors tal-procediment odjern kienu regolarizzati l-pendenzi kollha li l-kumpannija kellha mal-intimat u li kien wasslu sabiex jibda l-process tat-thassir tal-isem.

Bhala fatt l-intimat mhuwiex jopponi li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.

**Premess dan kollu, il-qorti trid taghmilha cara li bil-fatt illi sejra tordna li l-isem tal-kumpannija *de qua* jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji bl-ebda mod ma ghandu jfisser li bhal donnu l-qorti tat xi *carte blanche* lill-kumpannija de qua, lill-ufficjali taghha u lill-azzjonisti sabiex kulma ma sarx tajjeb u skont il-ligi fil-passat qabel sar it-thassir tal-isem issa jista` jigi jirrepeti ruhu.**

**Proprju xejn minn dan.**

**Bil-fatt illi l-isem jerga` jidhol fir-Registru, il-kumpannija trid turi fil-konkret kif irid il-Kap 386 li sejra tidhol lura fil-binarji tal-legalita` minghajr ma jkun hemm ghalfejn li r-Registratur tal-Kumpanniji jkollu jagixxi minhabba inadempjenzi ta` kull minn huwa responsabbli fis-socjeta` de qua.**

**Jekk il-kumpannija terga` tkun inadempjenti, il-qorti m`ghandhiex l-icken dubju li l-intimat jerga` jipprocedi skont is-subartikolu (1) tal-Art 325 tal-Kap 386, skont kif jesigu d-drittijiet u l-obbligi tieghu. Jista` jkun li f`dak il-kaz il-konsiderazzjonijiet tal-qorti jkunu diversi minn dawk tal-lum.**

**<u>Decizjoni</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrent u dwar l-eccezzjonijiet tal-intimat, billi qeghda taqta` u tiddeciedi hekk :-**

**1. Tordna li l-isem Fern Company Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C19559 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex sa zmien sebat ijiem mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji ghar-registrazzjoni kopja ufficjali tal-ordni li permezz taghha l-isem Fern Company Limited li kien abbinat mal-kumpannija li**

**kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C19559 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**3. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex sa zmien sebat ijiem mid-data li fiha tkun ikkonsenjata lilu mir-Registratur tal-Qorti kopja ufficjali tal-ordni li permezz taghha l-isem Fern Company Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C19559 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji jippubblika avviz fil-Gazzetta tal-Gvern jew fuq *website* mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta fejn jghid illi l-isem tal-kumpannija Fern Company Limited (C19559) rega` dahal fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**Tordna li l-ispejjez kollha ta` din il-kawza ghandhom jithallsu mir-rikorrent, komprizi spejjez ohra li jkunu talvolta mehtiega sabiex l-isem tal-kumpannija Fern Company Limited (C19559) jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**